# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 17 ta' Jannar 2001**

**Numru 4**

**Rikors numru 579/97 AJM**

**Giovanni Psaila u b'digriet tad-19/03/98 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Alberta Psaila armla ta' Giovanni Psaila proprio u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri Maria, Luke u Samuel**

**vs**

**L-Avukat Generali**

**<u>IR-RIKORS PROMOTUR</u>**

Ir-rikorrent ipproceda quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili bis-segwenti rikors kostituzzjonali biex jitlob rimedju ghall-allegat ksur tad-dritt fondamentali tieghu kontra d-detenzjoni abusiva kif protett bis-sub inciz 1(d) tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u s-sub inciz 1(b) tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

“Ir-rikorrenti filwaqt li ppremetta :-

1. Illi huwa offra li jixhed fil-proceduri kriminali "Il-Pulizija vs Nicholas Ellul" pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

2. Illi fil-kors tad-deposizzjoni volontarja tieghu, huwa qal li persuna kienet offrietlu l-proklama u xi flus biex jikxef il-verita' kollha dwar il-kaz kriminali fuq imsemmi u li dik il-persuna kienet rabtitu solemnement li hu qatt ma jikxef l-identita' tieghu, promessa li huwa kien ta.

3. Illi fuq insistenza tal-prosekuzzjoni biex jikxef l-identita tal-persuna fuq imsemmija, l-esponent wiegeb li l-identita' ta' dik il-persuna kienet irrilevanti u li fi kwalunkwe kaz hu kien ihossu vinkolat mill-wedgha li kien ghamel.

4. Illi nonstante din id-dikjarazzjoni, l-Qorti tal-Magistrati, bis-sahha tal-Artikolu 522 (2) tal-Kodici Kriminali, ordna d-detenzjoni tal-esponent f'zewg okkazjonijiet u cioe', b'digriet tal-5 ta' Frar 1997 u b'digriet tal-11 ta' Frar 1997, u l-esponent dam detentu cirka sebghat ijiem.

5. Illi l-esponent gie liberat fl-14 ta' Frar 1997, wara li l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kienx fadlilha provi x'tipproduci f'dak ir-rinviju.

6. Illi l-esponent jissottometti li l-imsemmi artikolu 522 (2) tal-Kodici Kriminali jivvjola l-Artikolu 34 (1) (d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 5 (1) (b) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

7. Illi dawk id-disposizzjonijiet huma ntizi biex inehhu kull arbitrarjeta' mill-poteri ta' l-Awtorita' (fosthom il-Qorti) li jtellfu l-liberta' personali tal-individwu. L-artikolu impunjat huwa minn naha l-ohra, kollu kemm hu msejjes fuq l-arbitrarjeta' inkwantu l-Qrati jistghu in forza tieghu jnehhu l-liberta' personali ta' persuna u jinfliggu detenzjonijiet illimitati bazati purament fuq esercizzji soggettivi u diskrezzjonali f'materja li, bhal liberta' personali, kull forma ta' arbitrarjeta' ghandha tkun assenti. Huwa kontra kull koncett ta' privazzjoni ta' liberta', l-arbitrju assolut, l-"unfettered discretion" tal-gudikant.

8. Illi din l-arbitrarjeta' tad-detenzjoni llimitata tista tirrizulta mhux biss fit-telfien tal-liberta' personali, imma tista' wkoll tirrizulta f'koerzjoni indebita li jggieghel lix-xhud soggetti ghaliha li jixhed mhux skond is-sewwa u li jixhed b'mod li jinkrimina ruhu.

9. Illi barra minn hekk, l-Artikolu impunjat imur kontra l-Art 5 (4) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, inkwantu din tippressuponi l-ezistenza ta' proceduri ta' verifika u kontroll tal-legalita' tad-detenzjoni u dan min Qorti indipendenti u mparzjali, mentri l-Kodici Kriminali ta' Malta ma jistabilix, kif tenut jaghmel, dawn il-proceduri fil-kaz meta l-arrest u d-detenzjoni skond l-Art. 522 (2) jigu ordnati mill-isess Qorti.

Ghaldaqstant talab li din il-Qorti taghti dawk ir-rimedji kollha li jidrilha xierqa biex twettaq id-drittijiet fondamentali fuq imsemmija, fosthom li tiddikjara l-Art. 522 (2) tal-Kodici Kriminali null u bla ebda effett u li konsegwentament li l-arrest u detenzjoni tal-esponent, fuq imsemmija, saru bi ksur tal-istess disposizzjonijiet. Bl-ispejjez."

**<u>RISPOSTA</u>**

L-Avukat Generali hekk irrisponda ghal dan ir-rikors :

"1. Illi preliminarjament it-talba tar-rikorrent ghandha tigi respinta bhala frivola uvessatorja peress illi t-talba konkluzzjonali b'ebda mod ma ssegwi mill-premessi maghmula fir-rikors ghaliex waqt li l-istess premessi jikkoncernaw is-subartikolu (1) tal-Artikolu 522 tal-Kodici Kriminali t-talba hi sabiex jigi dikjarat null u bla effett is-subartikolu (2) tal-artikolu 522 tal-Kodici Kriminali.

2. Illi fil-meritu jehtieg qabel xejn li jsiru certi precizazzjonijiet ta' natura fattwali.

3. Ir-rikorrent mhux "offra li jixhed fil-proceduri kriminali "Il-Pulizija vs Nicholas Ellul" izda gie **<u>ingunt</u>** biex jixhed f'dawk il-proceduri wara li l-Pulizija nghatatilha nformazzjoni li l-istess Giovanni Psaila kien qieghed jallega li kellu nformazzjoni dwar incident ta' sparatura li gara fuq kazin tal-partit nazzjonalista f'Hal Tarxien u li skond l-istess Giovanni Psaila din l-informazzjoni kienet tinteressa ukoll "il-kaz ta' Nicholas Ellul" li kien jikkoncerna akkuza ta' omicidju volontarju li sehh fil-Gudja xi granet wara l-incident ta' Hal Tarxien. Meta l-istess Giovanni Psaila gie ngunt biex jixhed fil-proceduri in konnessjoni mal-kaz ta' Nicholas Ellul

huwa xehed li ma kien'x minnu li hu kien qatt qal li l-informazzjoni li kelu kienet tinteressa wkoll il-kaz ta' Nicholas Ellul.

4. Illi fil-kors tax-xhieda tieghu l-istess Giovanni Psaila xehed li hu kien gie avvicinat minn persuna vicina l-partit nazzjonalista li weghditu li hu kien jigi kompensat bi flus u li anke "jinghata l-proklama" jekk hu jghid dak li jaf dwar l-incident ta' Hal Tarxien. Huwa xehed li rrifjuta dik l-oferta izda peress li fehem li dik il-persuna kienet taf dwar "l-involviment tieghu" fl-incident ta' Hal Tarxien huwa deherlu li kellu jmur jghaddi l-informazzjoni li kellu lill-appura Prim Ministru u Kap tal-Partit Nazzjonalista. Minn dak li xehed l-istess Psaila jidher car li skond hu l-motivazzjoni ghala hass li kellu jizvela l-informazzjoni li hu kien qieghed jixhed originat minn dak l-inkontru ma' dik il-persuna. Illi ghalhekk ghal finijiet ta' kontroll tax-xhud li ma kien vinkolat b'ebda sigriet professjonali, kien ferm relevanti li x-xhud jizvela l-identita' tal-persuna msemmija sabiex tigi kkontrollata l-veridicita' tax-xhud dwar l-informazzjoni li dwarha kien qieghed jixhed ghall-ewwel darba hdax-il sena wara l-fatt. Ix-xhud irrifjuta li jaghti dik l-informazzjoni ghalkemm ordnat jaghmel hakk mill-Qorti peress li ma kien hemm ebda raguni legali li tezentah milli jaghti dik l-informazzjoni. Ix-xhud allega li hu kien wieghed lill-persuna in kwistjoni li ma jizvelax l-identita' taghha. Din ma hix raguni legali biex hu ma jwegibx ghad-domanda li kienet qed issirlu. F'tentattiv sabiex kemm jista' jkun jigi evitat li l-Qorti tkun kostretta tirrikorri ghal dak previst fl-artikolu 522 (2) tal-Kodici Kriminali l-istess Qorti fuq invit tal-prosekuzzjoni stiednet lix-xhud jikkonsidra l-possibilita' li javvicina mill-gdid lill-persuna msemmija sabiex tara jekk kienitx toggezzjona li l-identita' taghha tigi zvelata. Ix-xhud anqas biss ried jaghmel tentattiv f'din id-direzzjoni ghaliex irritjena li d-decizjoni tieghu kienet "finali". Illi ghalhekk ix-xhud ma halla ebda ghazla lill-Qorti hlief li tapplika l-artikolu 522 (2) tal-Kodici Kriminali.

5. Huwa sinifikanti li fir-rikors promotur tal-gudizzju r-rikorrent jidher li qieghed jiskanta li nonostanti li deherlu li "l-identita' ta' dik il-persuna kienet irrilevanti" l-Qorti tal-Magistrati ordnat id-detenzjoni "bis-sahha tal-artikolu 522 (1)". Bhalli kieku kellu jkun hu l-uniku arbitru ta' x'inhu relevanti jew le ghall-proceduri u mhux il-Qorti.

6. Fiz-zewg okkazjonijiet li l-Qorti ordnat id-detenzjoni tax-xhud skond il-ligi minhabba r-rifjut tieghu li jobdi l-ordni tal-Qorti li jirrispondi ghad-domanda tal-prosekuzzjoni l-Qorti pprovdiet ghall-possibilita' ta' revizjoni ta' dik id-decizjoni fi zmien qasir sabiex ix-xhud ikun jista' jirrilaxxa lilu nnifsu mill-effetti tad-decizjoni tal-

Qorti. Difatti wara l-ewwel ordni taghha ta' detenzjoni liema ordni inghata fil-5 ta' Frar 1997 ( u mhux fis-7 ta' Frar 1997 kif jinghad fir-rikors) l-Qorti ordnat li l-proceduri jigu differiti ghas-7 ta' Frar 1997 sabiex jerga jinstema' x-xhud. Fis-7 ta' Frar 1997 ix-xhud gie rilaxxjat peress li esprima x-xewqa li jkellem lill-avukat tieghu li kien imsiefer u kien ser jirritorna Malta xi jumejn wara. Il-proceduri gew differiti ghall-11 ta' Frar 1997 sabiex sadanittant ix-xhud jikkonsulta ruhu ma' l-avukat tieghu. Fil-11 ta' Frar 1997, (u mhux fit-12 ta' Frar 1997, kif indikat fir-rikors) ix-xhud ippersista filli jirrifjuta jirrispondi ghad-domanda tal-prosekuzzjoni u ghalhekk ghal darb'ohra il-Qorti kienet kostretta tipprovdi ghat-tenur tal-artikolu 522 (2) tal-Kodici Kriminali u ordnat li l-proceduri jigu differiti ghall-14 ta' Frar sabiex jerga jigi prodott ix-xhud. Fl-14 ta' Frar ix-xhud ostina ruhu fir-rifjut spavald tieghu li jirrispondi ghal domandi legittimi kif ordnat il-Qorti izda l-prosekuzzjoni ma nsistietitx ghall-kontinwazzjoni tad-detenzjoni kif kellha kull dritt taghmel skond il-ligi anki sabiex ix-xhud ikollu z-zmien kollu jirrikonsidra l-posizzjoni tieghu fil-mument opportun jekk u meta jkun il-kaz li jixhed fi stadju ta' gudikatura kriminali. Fejn hi l-arbitrarjeta' f'dan kollu?

7. Ir-rikorrent ma jistax jippretendi li jimpunja artikolu tal-Kodici Kriminali fl-astratt u b'interpretazzjoni maqtugha ghal kollox mill-fattispeci tal-kaz proprju tieghu. L-artikolu in kwistjoni gie nterpretat u applikat korrettament bil-kawtieli necessarji fir-realta' konkreta tal-kaz tar-rikorrent u ghalhekk ma jistax ir-rikorrent jilmenta minn arbitrarjeta' u ksur tad-drittijiet kostituzzjonali fil-konfront tieghu.

8. L-artikolu 34 (1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea huma ntizi sabiex iharsu lill-individwu mill-arrest arbitrarju unikament fis-sens li jippermettu l-arrest biss ghar-ragunijiet espressament elenkati fil-paragrafi tas-subartikolu (1) tal-artikoli rispettivi. Jekk l-arrest jew detenzjoni hi ghal wiehed mill-iskopijiet imsemmija u tkun saret skond kif previst mil-ligi dik id-detenzjoni mhix arbitrarja ghaliex tkun espressament sancita bl-artikoli fuq imsemmija.

9. Id-detenzjoni in kwistjoni hi pennessa bil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u bil-paragrafi (c) u (d) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni. Dan japplika anki ghal detenzjoni ghal zmien inderterminat. Di fatti, per ezempju, gie deciz mill-organi kompetenti taht il-Konvenzjoni Ewropea, li s-sentenza ghal zmien indeterminat wara sejbien ta' htija, bhal ama jigri f'diversi pajjizi ewropew, tista' tikser l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni mhux minhabba li hi ghal zmien indeterminat izda

ghar-raguni li ma jigix assigurat perjodikament l-opportunita' ta' revizjoni taz-zmien ta' detenzjoni biex jigi accertat li d-detenzjoni ghadha necessarja ghall-iskop li ghalih giet komminata u li jkun skop konformi ma wiehed minn dawk imsemmija fil-paragrafi tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 5. Fejn id-detenzjoni indeterminata originali tkun giet ordnata mill-Qorti stess jitqies li hemm dak li jissejjah "incorporated supervision" (Ara l-Kaz Thynne, Wilson u Gunnel deciz mill-Qorti fil-25/10/90, Serje A No. 190, p. 38, para 76 ; u l-kaz De Wilde, Ooms u Versyp deciz mill-Qorti fit-18 ta' Gunju 1971, serje A No. 12, p. 40, para 76) u ma jkunx hemm htiega ta' revizjoni ulterjuri sussegwenti sakemm ma jkunx hemm xi bdil fic-cirkostanzi originali meta inghata l-ordni mill-Qorti.

10. Il-konsiderazzjonijiet maghmula mir-rikorrent fil-paragrafu 8 tar-rikors tieghu huma ghal kollox irrilevanti fil-fattispecje tal-kaz u huma unikament ta' natura ipotetika u kongetturali. Id-detenzjoni tar-rikorrent hija attribwibbli eskluzivament ghar-rikorrent li rrifjuta jwiegeb ghal domada legittima li saritlu skond il-ligi u li kien obligat li jwiegeb skond il-ligi. Ma kien hemm ebda koerzjoni minn hadd biex ix-xhud ma jghidx il-verita' u anzk kellu jghid il-verita' kollha skond il-gurament. Kien ir-rikorrent li ghazel liberament li jimponi d-detenzjoni tieghu fuqu stess bl-imgieba tieghu. Detenzjoni skond il-ligi ma' tista' qatt tammonta ghal "koerzjoni indebita". Aktar milli detenzjoni indeterminata dik li kien soggett ghaliha r-rikorrent kienet ezempju uniku ta' detenzjoni li setghet tigi determinata mir-rikorrent stess peress li hu stess seta' jgib fi tmiem id-detenzjoni tieghu meta u x'hin ried billi joqghod ghall-ordni tal-Qorti li jirrispondi d-domanda li saritlu skond il-ligi u b'hekk jottempora ruhu ma' obbligu impost fuqu bil-ligi.

11. In kwantu ghall-allegazzjoni tr-rikorrent li l-Kodici Kriminali ma jistbilix proceduri "ta verifika u kontroll tal-legalita' tad-detenzjoni u dan minn Qorti ndipendenti u mparzjali" r-rikorrent ghandu zball. Apparti li, kif gja inghad, fil-kaz ta' arrest u detenzjoni ordnat minn Qorti hemm dak li jissejjah "incorporated supervision l-Ordinament Giuridiku taghna f'materja kriminali jipprovdi ghal rimedju anke f'dawn ic-cirkostanzi. Di fatti hu ben stabbilit fis-sistema legali taghna li kwalunkwe persuna li tirritjeni li qeghda tigi detenuta kontra l-ligi tista' taghmel fi kwalunkwe zmien talba lill-kwalunkwe Magistrat li fil-vesti gudizzarja tieghu, wara li jisma' lill-partijiet, inkluz lid-detentut li jista' jkun assistit legalment, jiddeciedi b'mod mill-aktar spedit dwar il-legalita' o meno ta' kwalunkwe detenzjoni anke jekk ordnata minn xi Qorti. Dan hu r-rmiedju li hu analogu ghal dak li fil-ligi Ingliza hu maghruf bhala rimedju tal-*habeas corpus* u gie ripetutament utilizzat sabiex jigi assigurat smiegh mill-aktar spedjenti ta' kull

xorta ta' allegazzjoni ta' detenzjoni llegali. F'okkazjoni minnhom dan ir-rimedju gie wzat b'success sahansitra wara decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili li kkundannat lil persuna ghal detenzjoni ta' jum liema decizjoni kienet giet appellata izda l-persuna in kwistjoni baqghet ma gietx rilaxxjata. Ghalhekk, l-allegazzjoni fil-paragrafu 9 hi bazata fuq premessa ghal kollox zbaljata.

12. Finalment issir riferenza ghas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fis-sede kostituzzjonali taghha tal-21 ta' Mejju 1991 fil-kawza fl-ismijiet "Martin u Carmen Fenech vs Onorevoli Prim Ministru" fejn, fil-konfront ta' xhud li kien gie detenut mill-Qorti ghat-tenur tal-artikolu 522 (2) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti rriteniet li:-

"In fatti l-Konvenzjoni Ewropea stess-bhal del resto l-istess Kostituzzjoni - tissanzjona specifikament bhala eccezzjoni ghad-dritt fondamentali li kullhadd ghandu dritt ghall-liberta' w sigurta tal-persuna (Artikolu 5) "The lawful arrest and detention of a person for non-compliance with the lawful order of a court or an order to secure the fulfilment of any obligation prescribed by law". Hu car li dan l-artikolu jiggustifika l-arrest personali tar-rikorrent talli ghogbu, ghar-ragunijiet tieghu, jippersisti li jirrifjuta li jobdi lill-Qorti ..........."

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent ghar-ragunijiet imsemmija fil-paragrafu numru 1 ta' din ir-risposta ghandhom jigu dikjarati frivoli u vessatorji u fi kwalunkwe kaz ghar-ragunijiet ulterjuri fuq esposti u ghal ragunijiet ohra li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tar-rikors l-istess talbiet ghandhom fil-mertu jig respinti bl-ispejjez kontra r-rikorrent."

**DECIDE**

B'sentenza tal-5 ta' Ottubru 1998 l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet ir-rikors billi cahdet it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

“Mid-dokumenti ezebiti jirrizulta li r-rikorrent kien tressaq bhala xhud tal-prosekuzzjoni fil-proceduri kriminali "Il-Pulizija vs Nicholas Ellul". Fl-udjenza tat-3 ta' Frar 1997 ir-rikorrent qal hekk quddiem il-Qorti tal-Magistrati :-

"Xi xahrejn qabel l-elezzjoni kont gejt avvicinat minn persuna vicin il-partit nazzjonalista sabiex jien nitkellem dwar l-involviment tieghi fil-kaz in ezami ta' Hal Tarxien. Din il-persuna qaltli li jien jekk nitkellem kont nighata kumpens finanzjarju kif ukoll il-proklama. Pero' jiena ma ridtx la l-proklama u lanqas kumpens finanzjarju. *Jien inhoss li f'dan li stadju m'ghandix nghid min kienet din il-persuna li avvicinatni*." (fol. 46)

Aktar tard fl-istess udjenza fix-xhieda ta' l-istess rikorrent insibu hekk :-

"Hawnhekk qed nigi mistoqsi minn Dr. Silvio Camilleri min hija din il-persuna li kienet avvicinatni originarjament. In rigward din jien nghid illi kont tajt weghda lil din il-persuna li ismu ma nsemmiehx u jien minhix ser insemmieh .......... Sar arrangament bejni u dik il-persuna li ismu ma jissemmiex." (fol. 58/59).

Ir-rikorrent adotta l-istess attitudni waqt l-kontro ezami li sarlu fl-istess udjenza minn Dr. Joseph Brincat difensur ta' Ellul.

Fl-udkenza tal-5 ta' Frar 1997 meta rega' ssejjah ir-rikorrent mill-prosekuzzjoni gie rrapurtat hekk :-

"Qed nigi mistoqsi minn Dr. Silvio Camilleri nisvela min kienet dik il-persuna li originarjament kienet avvicinatni u kienet offrietli flus u proklama sabiex nisvela dak li naf dwar il-kaz in ezami. In rigward din id-domanda li tirriferi ghal dak li ghandu kemm gie mistoqsi lili nixtieq nghid illi f'dan l-istadju ma nixtieqx nirrileva (sic) minn hi din il-persuna ............ Nixtieq inzomm kelmti u ma nizvelax l-identita' ta' din il-persuna."

F'dik l-okkazjoni "l-Qorti gibdet l-attenzjoni tax-xhud dwar dak li jinghad fil-ligi l-art. 522 tal-Kodici Kriminali fejn jinghad illi persuna

li tirrifjuta tiddeponi tista' tinzamm taht arrest taht il-kondizzjonijiet indikati fl-istess artikolu, pero' li l-istess Qorti fuq invit tal-prosekuzzjoni tghid ukoll li se ttini zmien li nkellem il-persuna in kwistjoni sabiex nara jekk din ixxoljinix mill-obbligazzjoni jew kull obbligazzjoni li jista' jkolli." Ghal din it-twissija r-rikorrent irrisponda hekk : "Jien inhoss li d-decizzjoni tieghi in konnessjoni ma din il-kwistjoni hija finali ghalhekk nghid illi ma nixtieqx nizvela l-identita' ta' din il-persuna."

Minhabba dan ir-rifjut tar-rikorrent li jwiegeb ghal mistoqsija legittima maghmula lilu l-Qorti tal-Magistrati ghaddiet biex tipprovdi skond l-artikolu 522 (2) tal-Kodici Kriminali u ordnat li x-xhud, rikorrent odjern, jinzamm taht il-kustodja tar-Registratur tal-Qorti sa seduta ohra. Dak inhar il-kawza giet differita ghal jumejn cioe' ghas-7 ta' Frar 1997.

Fl-udjenza tas-7 ta' Frar 1997 u in vista tad-dikjarazzjoni tax-xhud Psaila li xtaq jikkonsulta mal-avukat tieghu il-kwistjoni li tqajmet, l-istess xhud gie rilaxxat mill-arrest minnufih. Il-kawza ghalhekk giet differeita ghas-seduta tal-11 ta' Frar 1997 biex dak inhar ix-xhud jwiegeb ghall-mistoqsija li saritlu wara li jikkonsulta ruhu mal-avukat tieghu li kien jinstab imsiefer.

Fl-udjenza tal-11 ta' Frar 1997 wara li Psaila xehed li kien iddiskuta fit-tul il-kwistjoni ma' l-avukat tieghu w li dan kien hallieh fil-liberta', rega nsista billi qal li "nixtieq ghalhekk li nzomm il-weghda li jien ghamilt ma' dik il-persuna, cioe' ma dik il-persuna sabiex ma nsemmiex isimha".

Il-Qorti ghalhekk filwaqt li ddikjarat li Giovanni Psaila ghandu jigi kunsidrat bhala "xhud reticenti" ordnat li dan jinzamm taht arrest taht il-kustodja tar-Registratur tal-Qorti. Il-kawza giet differita ghall-14 ta' Frar 1997 biex jerga jigi riprodott l-istess xhud. Dak inhar stess il-Qorti laqghet talba maghmula mix-xhud sabiex familjari tieghu jkunu jistghu jzuruh u jehdulu xi affarijiet personali.

Fl-udjenza tal-14 ta' Frar 1997 wara li l-istess xhud rega rrifjuta jwiegeb ghall-mistoqsija, l-prosekuzzjoni ddikjarat li minghajr ma kienet qedha tirrinunzja ghad-domanda li diga saret jidher li din il-Qorti tista' taghlaq f'dan l-istadju r-rinviju u tirritorna l-atti lill-Qorti Kriminali peress li l-prosekuzzjoni ma ghandhiex aktar provi x'tipproduci f'dan l-istadju. In vista ta' dan il-Qorti ordnat ir-rilaxx immedjat tar-rikorrent.

Dan l-incident ta' lok ghal dawn il-proceduri kostituzzjonali billi qed jinghad li l-artikolu 522 (2) tal-Kodici Kriminali, li in forza

tieghu r-rikorrent gie mizmum taht arrest, jmur kontra l-artikolu 34 (1) (d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 5 (1) (b) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem inkwantu dan l-artikolu hu msejjes fuq l-arbitrarjeta' billi l-gudikant jista' jnehhi l-liberta' personali tal-persuna u jinfliggi detenzjonijiet illimitati bazati purament fuq esercizzji soggettivi u diskrezzjonali. Inoltre qed jigi sottomess li ma hemmx stabbiliti proceduri ta' verifika u kontroll tal-legalita' tad-detenzjoni minn Qorti ndipendenti u mparzjali.

L-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni li qed issir referenza ghalihom jipprovdu li, bhala principju generali, hadd ma ghandu jigi pprovat mill-liberta' personali tieghu. Din ir-regola izda ma tapplikax ghal dawk il-kazi specifikament elenkati fl-istess artikoli. Fost il-kazijiet li sew il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropea jindikaw bhala eccezzjoni ghar-regola fuq enuncjata insibu dak l-arrest li jigi ordnat fl-esekuzzjoni ta' l-ordni ta' Qorti maghmul biex jizgura twettieq ta' xi obbligu mpost lilu b'ligi.

L-artikolu 522 (2) tal-Kodici Kriminali li qed jigi attakkat jghid hekk:-

"(Il-Qorti) tista' wkoll tordna li xhud, li ma jkunx irid jahlef jew jixhed, jigi arrestat u mizmum sakemm ikun mehtieg, jew sakemm il-qorti jidhrilha sewwa, skond kemm ix-xhud ikun gieb ruhu hazin u skond il-gravita' tal-kaz."

Fil-proceduri fuq imsemmija r-rikorrent kien ha l-gurament izda waqt ix-xhieda tieghu hu rrifjuta li jwiegeb ghal mistoqsija li saritulu mill-prosekuzzjoni. Il-Qorti ghalhekk kienet gustifikata li, a termini tal-ligi, tieghu l-provvedimenti li hadet u zammitu taht arrest pendenti d-decizjoni tieghu li jwiegeb l-mistoqsija li kienet qed tigi maghmula lilu.

Qabel xejn ghandu jinghad li fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili nsibu provediment analogu ghal dak li qed jigi attakkat mir-rikorrent, ghalkemm forsi dan gie redatt b'mod aktar car, u li dwaru ma ntqal xejn f'dawn il-proceduri. Infatti l-artikolu 587 jghid li "Ix-xhud ghandu jwiegeb ghal kull mistoqsija li l-Qorti tippermetti li ssirlu ; u l-Qorti tista' ggieghlu jwiegeb billi tordna d-detenzjoni tieghu sakemm ikun halef u wiegeb. Dwar dan l-artikolu li jaghti l-istess fakolta "diskrezjonali u arbitrarja" lil gudikant ma saret ebda oggezzjoni. Il-Qorti ghalhekk tosserva li kemm 'l darba kellha tintlaq' t-talba tar-rikorrent tinholoq sitwazzjoni anomala fejn Qorti Civili tkun tista' tipprovdi ghad-

detenzjoni ta' xhud reticenti, filwaqt li Qorti Kriminali tkun prekluza milli taghmel dan.

Ikkunsidrat :-

Is-subinciz (d) tal-artikolu 34 (1) tal-Kostituzzjoni kif ukoll is-sub inciz (b) tal-artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni jaghtu l-fakolta lil Qorti li tordna d-detenzjoni ta' persuna sabiex tassikura t-twettieq ta' obbligu mpost lilu b'ligi.

Issa t-Titolu 1 tat-Taqsima III tal-Kodici Kriminali jiddisponi li xhud ghandu jinghata l-gurament qabel ma jibda jixhed. F'dan il-gurament ix-xhud jahlef li x-xhieda li sejjer jaghti, *tkun is-sewwa, s-sewwa kollu u xejn hlief is-sewwa*. (Art. 632). Gialadarba persuna toffri x-xhieda taghha jew tigi msejjha biex tixhed, din hija taht obbligu legali li tghid dak kollu li taf. Multo magis meta l-informazzjoni li tkun a konoxxenza taghha tkun qed tigi mitluba minn parti jew minn ohra. Dan l-obbligu huwa mwarrab biss fil-kaz ta' persuna koperta bis-sigriet professjonali u fil-kaz meta t-twegiba tista' tinkrimina lix-xhud. Ir-rikorrent la talab li jigi ezentat milli jirrispondi billi t-twegiba setghet tinkriminah u lanqas ma jaqa' taht l-ezenzjoni ta' persuna li hi koperta b'sigriet professjonali.

Il-mistoqsija in kwistjoni kienet mhux biss wahda legittima izda wkoll permessa mill-istess qorti li kienet qed tippresjedi u ghalhekk ir-rikorrent kien obbligat bil-ligi li jwiegeb u fin-nuqqas il-Qorti kienet fid-dritt li tuza d-diskrezzjoni taghha taht l-artikolu fuq imsemmi.

L-oggezzjonijiet tar-rikorrenti ghall-poteri moghtija lill-Qorti in forza tal-artikolu sottoezami huma principalment tnejn. L-arbitrarjeta w n-nuqqas ta' judicial review. Gialadarba l-istess Kostituzzjoni u Kovenzjoni, kif gja rajna aktar 'il fuq, jiddisponu specifikatament ghall-possibilita' ta' arrest "for non-compliance with the lawful order of a court or in order to secure the fulfillment of any obligation prescribed by law" li, kif jidher mill-bazi tar-rikors promotur huwa l-kaz kontemplant fl-artikolu 522 (2) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti ma tarax kif tista; ssib li dan l-artikolu jmur kontra l-provvedimenti tal-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni. Infatti l-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni Ewropea ma jaghmlu ebda limitazzjoni fuq id-diskrezzjoni tal-Qorti meta din tkun kostretta, minhabba r-reticenza tax-xhud, li tordna l-arrest tieghu. Wara kollox, kif sewwa osserva l-abbli difensur tal-intimat, id-durata tad-detenzjoni jew arrest qedha f'idejn l-istess persuna li tkun tinsab hekk arrestata. Ma taghmilx sens li l-ligi timponi terminu ta' detenzjoni meta l-istess xhud reticenti jista' ixejjen kull

provvediment moghti skond il-ligi. F'dan ir-rigward id-dritt moghti lill-Qorti bl-artikolu fuq imsemmi jikkuntrasta mad-dritt li l-istess Qorti ghandha meta persuna tinstab hatja ta' xi reat li ghalih dik il-persuna tkun ingiebet quddim il-Qorti. F'dan il-kaz il-ligi bilfors trid tistabilixxi certi parametri li jorbtu lill-gudikant meta dan jigi biex jikkundanna persuna ghall-arrest. Dawn il-parametri jridu bilfors ikunu relatati mal-gravita' tar-reat u f'dawn il-kazi d-diskrezzjoni u okkorendo arbitrarjeta' tal-Qorti hija cirkoskritta bil-ligi stess. Izda fil-kaz fejn ma jissustixxi ebda reat "per se" izda jkun hemm biss in-nuqqas da parti ta' xhud li jottempera ruhu mal-obbligi imposti fuqu bhala xhud, ma tistax il-ligi timponi termini ta' prigunerija billi b'dan il-mod jkun qed jinholoq reat fejn dan mhux kontemplat mil-ligi. Infatti mill-assjem tal-provvedimenti tal-artikolu tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni Ewropea fuq citati, jidher li l-garanziji li riedu jinghataw kontra l-arbitrarjeta' tal-gudikant huma fil-konfront ta' persuna mressqa l-Qorti b'akkuza ta' reat. Ara f'dan ir-rigward is-subinciz (2), (3), (4) u (5) tal-istess artikolu 5, tal-Konvenzjoni Ewropea u s-subincizi (2) sa (7) tal-Kostituzzjoni.

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>

Fil-prezenti istanza r-rikorrent, li kien xhud fi process kriminali, kien irrifjuta li jikxef l-identita’ ta’ persuna li kienet irreferitlu b’mod kunfidenzjali cirkostanza rilevati fil-process u kien ippersista f’’dan ir-rifjut nonostante l-insistenza tal-Qorti li kien obbligu tieghu li jirrispondi.

Il-Qorti allura qisitu li kien xhud reticenti u applikat fil-konfront tieghu id-disposizzjoni tas-sub inciz 2 tal-artikolu 522 tal-Kodici Kriminali billi arrestatu u ordnat li jibqa’ detenut sakemm jaghzel li jirrispondi ghad-domandi li kien mitlub iwiegeb. Bhala konsegwenza, r-rikorrent baqa taht arrest ghal diversi granet ; hu jsostni ghal sebat ijiem filwaqt li l-prosekuzzjoni tippreciza li b’kollox iz-zmien kien ta’ hamest ijiem. L-

appellant jissottometti li hu kien biss gie liberat meta l-prosekuzzjoni kienet irrinunzjat ghad-domanda li kienet ghamlitlu u li hu kien naqas li jwiegeb. L-appellat minn naha tieghu ippreciza illi ma kienx korrett li jinghad illi l-prosekuzzjoni kienet irrinunzjat ghad-domanda. Ghall-kuntrarju l-prosekuzzjoni kienet espressament iddikjarat li ma kienitx qed tirrinunzja ghad-domanda li kienet saret, pero', dehrilha opportun li l-Qorti taghlaq f'dak iz-zmien r-rinvilju "peress li l-prosekuzzjoni m'ghandhiex aktar provi x'tipproduci f'dan l-istadju". Kien in vista ta' dak il-verbal illi l-Qorti ordnat li minnufih ix-xhud appellant jigi rrilaxxjat mill-arrest.

Hu veru li ma jistghax jinghad li kien hemm xi kontestazzjoni sostanzjali bejn il-kontendenti dwar il-fatti principali li taw lok ghal din il-vertenza ghalkemm certament hemm differenza ta' sostanza fl-impostazzjoni u fl-interpretazzjoni ta' dawn il-fatti. Din il-Qorti jidhrilha illi ghandha f'dan l-istadju tissottolienja l-fatt illi l-process Kriminali li fih ir-rikorrent appellant kien xhud, kien jirrigwarda reat mill-aktar gravi li serjament iddisturba l-ordni pubbliku. F'dak il-process r-rikorrent seta' jinghad li kien xhud principali u d-deposizzjoni tieghu setghet kienet mill-aktar rilevanti fir-ricerka mill-Qorti ghall-verita' kif graw il-fatti addebitati lill-akkuzat (mhux ir-rikorrent) u konsegwentament biex tigi stabilita' l-innocenza jew ir-rejita tieghu. Din il-Qorti allura m'ghandha l-ebda esitazzjoni biex tikkonkludi, kif ukoll ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, u kif fil-verita' ma jidhirx

kontestat mill-istess appellant, illi l-Qorti Kriminali tal-Magistrati kellha kull dritt u anzi l-obbligu li taghmel uzu mill-mezzi kollha legittimi li l-ligi tpoggi ghad-disposizzjoni taghha halli tassigura li x-xhud, espressament dikjarat reticenti, jigi konvint mill-htiega li jaqdi dmiru lejn is-socjeta' billi jiddeponi s-sewwa, s-sewwa kollu u xejn hlief is-sewwa.  Ghandu jkun pacifiku wkoll mill-atti illi l-appellant kien gie mharrek mill-prosekuzzjoni biex jixhed, li ma kien qed jinvoka l-ebda vinkolu ta' sigriet professjonali li skond il-ligi kien jezentah milli jixhed u li kien irrifjuta li jirrispondi ghad-domanda billi allega sempliciment li hu kien wieghed liil-persuna li kienet tatu l-informazzjoni illi ma jizvelax l-identita' taghha.  Raguni din li wehidha certament ma tiggustifikax lix-xhud appellant li jkun reticenti u jisfida l-ordni tal-Qorti li jirrispondi ghad-domanda legittima lilu maghmula mill-prosekuzzjoni.

Din il-Qorti ma tistghax tikkondivi s-sottomissjoni tal-appellant li hu kien ghamel granet ingustament talli rrifjuta li jwiegeb ghall-mistoqsija li l-prosekuzzjoni hasset li ma kienet ta' ebda rilevanza tant li eventwalment irtirat dik id-domanda.  Ma ssib xejn fl-atti li jista' jiggustifika attegjament li jimminimizza l-gravita ta' sitwazzjoni li l-Qorti Kriminali kienet tenuta li tirrisolvi, bl-applikazzjoni tal-ligi, biex tassigura li x-xhud, regolament ingunt u obbligat bil-ligi li jirrispondi ghad-domandi, jigi hekk kostrett li jaghmel.  Lanqas tara raguni ghaliex ghadha b'xi mod tiggustifika r-rifjut tar-rikorrent li jobdi ordni, indubjament legittima ta' l-Qorti, li jirrispondi

ghad-domanda maghmula. F'certu sens l-insistenza tal-appellant fuq dan l-aspett tal-aggravju tieghu idghajjef il-kaz tieghu ghax jisposta l-kwistjoni mill-bazi vera kostituzzjonali li fuqha l-ilment hu bbazat. Dak cioe' tal-kostituzzjonalita' tas-sub inciz 2 tal-artikolu 522 tal-Kodici Kriminali, li skond l-istess appellant, jawtorizza lill-Qorti li tarresta u tiddetjeni indefinittivament lix-xhud reticenti.

L-aggravju principali tal-appellant fil-prezenti istanza jibqa essenzjalment dwar il-validita o meno ta' din id-disposizzjoni inkwantu hu sottomess li din kienet in vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja. Dan billi l-applikazzjoni taghha kienet tippresupponi il-possibilita' ta' lezjoni tal-jedd fondamentali tal-individwu kontra l-arrest arbitrarju kif protett is-sub inciz 1(d) tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u s-sub inciz 1(b) tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Hu dan l-aspett tal-aggravju li din il-Qorti, bhal l-Ewwel Qorti, kienet mistiedna tinvesti. Naturalment fl-isfond tal-fatti u tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz taht ezami, billi, kif sewwa sottomess mill-appellat, il-kawzi tal-allegati ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ma humiex esercizzju akkademiku u fl-astratt izda ezami in concreto tal-fattispece partikolari tal-kaz biex jigi stabilit jekk verament kienx hemm xi lezjoni ta' xi dritt fundamentali tal-persuna li qeghda taghmel l-ilment. Mill-banda l-ohra pero' meta l-ilment kostituzzjonali ma jkunx jiskaturixxi minn agir abbuziv lesiv ta' ligi kostituzzjonalment korretta, imma minn allegazzjoni

illi kienet konsegwenza diretta tal-applikazzjoni ta' ligi kostituzzjonalment monka, kien jispetta lil din il-Qorti, fl-esercizzju tal-funzjonijiet lilha fdati mill-Kostituzzjoni, li tiddelibera u tiddeciedi dwar il-kostituzzjonalita' tad-disposizzjoni impunjata u dana qabel tinvesti l-meritu partikolari tal-kaz. Dan ghar-raguni ovvja illi l-konsiderazzjoni tal-meritu kienet necessarjament kondizzjonata b'dak li l-Qorti tiddeciedi fir-rigward tal-kostituzzjonalita' tad-disposizzjoni legislativa li l-applikazzjoni taghha, f'dan il-kaz mil-Qorti, allegatament ipprovokat il-vjolazzjoni tal-jedd fondamentali.

**IS-SUB INCIZ 2 TAL-ARTIKOLU 522 TAL-KODICI KRIMINALI**

L-artikolu 522 tal-Kodici Kriminali taht intestatura "setgha tal-Qorti dwar xhud li ma jkunx irid jghid is-sewwa" jaqra hekk :

(1) Il-Qorti tista' fid-diskrezzjoni taghha tmexxi lejn is-sewwa kull xhud li jhawwad fix-xhieda tieghu billi twissih, zzommu mwarrab ghalih wahdu jew ukoll billi tordna l-arrest tieghu.

(2) Tista' wkoll tordna li xhud li ma jkunx irid jahlef jew jixhed jigi arrestat u mizmum sakemm ikun mehtieg jew sakemm il-Qorti jidhrilha sewwa skond kemm ix-xhud ikun igib ruhu hazin u skond il-gravita' tal-kaz. (sottolinear ta' din il-Qorti).

L-appellant jissottometti li t-tieni sub inciz tal-artikolu jikkozza ma' dawn il-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni :-

(a) L-artikolu 34 (1) (d) tal-Kostituzzjoni li jiddosponi illi "(1) hadd m'ghandu jigi privat mill-liberta' personali tieghu hlief, kif jista' jkun awtorizzat b'ligi, fil-kazijiet li gejjin jigifieri" – omissis – "(d) fl-esekuzzjoni tal-ordni tal-Qorti maghmul biex jizgura t-twettiq ta' xi obbligu mpost lilu b'ligi" ;

(b) L-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea li jiddisponi (1) *"Everyone has the right to liberty and security of person. No-one shall be deprived of his liberty save in the following cases and in accordance with a procedure prescribed by law",* - omissis – "(b) the lawful arrest and detention of a person for non compliance with the lawful order of a Court or in order to secure the fulfilment of any obbligation prescribed by law."

Mhux il-kaz f'din l-istanza li l-Qorti tinoltra ruhha f'ezami komparattiv taz-zewg disposizzjonijiet biex tiddetermina jekk l-esenzjoni mill-protezzjoni estisa f'dawn l-artikoli kontra l-arrest jew detenzjoni arbitrarja kienitx wahda identika u ko-estensiva. Dan ghaliex, kif inghad, ma jirrizultax kontestat illi l-arrest taht ezami kien awtorizzat b'ligi u cioe' bl-artikolu 522 tal-Kap 9 u inoltre kien ordnat fl-esekuzzjoni ta' ordni legittima tal-

Qorti lir-rikorrent biex jixhed u li dan kien fl-obbligu illi jobdi ordni li saret propriju biex tassigura t-twettiq ta' dan l-obbligu impost fuq ir-rikorrent, qua xhud, li jixhed skond kif trid il-ligi.

L-appellant infatti mhux jikkontesta fil-principju d-dritt ta' Qorti li tarresta u zzomm detenut lil xhud li rrifjuta li jiddeponi jew jirrispondi ghad-domanda legittima, kif dirett li jaghmel mill-Qorti. Dan il-provediment hu certament sa hawn kostituzzjonalment u konvenzjonalment korrett. Dan propru ghaliex jinkwadra ruhu bi precizjoni fl-esenzjoni taht ezami mill-protezzjoni moghtija kontra l-arrest jew id-detenzjoni arbitrarja. "F*or article 5 (1) (b) to apply the detention must be "to secure the fulfilment" of the obligation concerned. Accordingly detention which is a punishment for the breach of an obligation <u>rather than a device for fulfilling it</u> cannot be justified under article 5 (1) (b). (See Egg vs Switzerland 7341/76) and Johansen vs Norway no 10600/83) (Law of the European Convention on Human Rights Harris, Boyle and Warbrick pages 114 et sec)*. Kjarament l-arrest u d-detenzjoni taht ezami kienu ntenzjonati specifikament "to secure the fulfilment" tal-obbligu tax-xhud li jiddeponi. Mizura estrema li l-ligi specifikament thalli fid-diskrezzjoni tal-gudikant proprju biex tassigura li fl-interess suprem tal-gustizzja x-xhud jigi kostrett jadempixxi l-obbligu tieghu.

L-appellant allura jiravviza elementi ta' inkostituzzjonalita' f'dan is-sub inciz mhux tant fil-poter tal-Qorti li tordna l-arrest u d-detenzjoni ta' xhud daqskemm fid-diskrezzjoni llimitata li l-ligi taghti lill-gudikant fl-ezercizzju ta' dak il-poter li potenzjalment setghet twassal ghall-arbitrarjeta. L-essenza tas-sottomissjoni tal-appellant hi illi l-principju u regola fondamentali huma l-liberta' tal-individwu waqt li l-privazzjoni ta' dik il-liberta' hija l-eccezzjoni. Sa hawn ghandu jkun pacifiku. Inoltre l-eccezzjoni kienet gustifikabbli biss fl-osservanza stretta ta' salva-gwardji essenzjali li jirrendu dik il-privazzjoni ezercizzju razjonali. U anke sa hawn is-sottomissjoni hi korretta. L-appellant imbaghad jissottometti li tali ezercizzju ma jistghax jithalla fid-diskrezzjoni assoluta tal-gudikant kif jidher li hi redatta d-disposizzjoni impunjata. Din infatti tippermetti l-privazzjoni indeterminata tal-liberta personali. "Fi ftit kliem filwaqt li ghal rejati serjissimi hija dejjem stabilita rigorozament il-massimu tal-piena, "fir-reat" "ta' recitenza" l-gudikant ghandu l-fakulta' li jitfa bniedem il-habs u jzommu hemm ghal snin u snin "during the court's pleasure". Dan il-poter uniku u tremend li ghandha l-Qorti fil-prattika jista' jissarraf f'diversi koerzjonijet indebiti".

Biex jillustra kemm hi nefasta u perikoluza din id-disposizzjoni l-appellant jipprospetta sitwazzjonijiet li jirrevokaw dellijiet ta' Torquemada u l-Inkwisizzjoni Spanjola fejn xhieda jithallew minisijin ghal snin fil-habs biex jigu mgieghla jikkonfessaw taht tortura ghall-htijiet

li qatt ma wettqu. L-appellat gustament jirribella kontra dan l-istil ta' trattazzjoni. Din il-Qorti tifhem li din l-esagerazzjoni aktar milli mahsuba biex timpressjona lil min irid jiggudika, hi ntiza biex tenfasizza kemm hi llimitata d-diskrezzjonalita' tal-Qorti, f'dan il-kaz u kemm tista' jekk malament uzata, twassal ghall-abbuz. Dina l-Qorti kellha allura qabel xejn tiddetermina jekk hux veru li d-disposizzjoni taht ezami ma kienet timponi l-ebda limitu fuq il-Qorti Kriminali fir-rigward taz-zmien tad-detenzjoni li ghalih ix-xhud reticenti seta' jigi assogettat. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet :

(a) Ma tistghax taqbel illi kull element ta' diskrezzjonalita' imhollija f'idejn il-gudikant kellu awtomatikament jissarraf f'arbitrarjeta u li allura kellu jigi eskluz minn kull disposizzjoni li jaghti poter il-Qorti li tordna l-arrest ta' xhud recitenti. Poter li, kif inghad qabel kien wiehed perfettament legittimu u accettabli f'socjeta' demokratika biex tigi assigurata il-korretta amministrazzjoni tal-Gustizzja. Li kieku dan kien hekk kien ikun ifisser illi l-Qorti kienet tkun obbligata li f'kull kaz tordna l-arrest ta' xhud li jirrifjuta li jixhed jew jirrispondi ghad-domandi legittimi li jsirulu ghax il-Qorti ma kienx ikollha diskrezzjoni li tagixxi mod iehor. Certament ma seta' jinghad li hemm xejn hazin li l-ligi thalli f'idejn il-Qorti d-diskrezzjoni li taghzel jekk ic-cirkustanzi kienux jirrikjedu li xhud li ma jkunx irid jahlef jew jixhed jigix jew le arrestat. Gust u sewwa allura

li sub inciz 2 tal-artikolu 522 tal-Kap 9 jibda proprju l-kliem "Tista' ukoll (Il-Qorti) tordna li xhud".

(b) Stabilit li l-Qorti Kriminali tkun ezercitat id-diskrezzjoni taghha favur li x-xhud li jirrifjuta li jobdi l-ordni taghha li jixhed jigi arrestat u detentut, jibqa biss il-kwistjoni jekk il-fatt li l-ligi ma tispecifikax massimu taz-zmien li fih kellu jinzamm detenut kienx fih innifsu jikkostitwixxi ksur tal-jedd fondamentali tieghu ghall-helsien mill-arrest u detenzjoni arbitrarja. Din il-Qorti tifhem li l-aggravju tal-appellant, anke jekk mhux kjarament espress f'dawn it-termini, jestendi mhux biss ghall-fatt li l-ligi ma kienet timponi l-ebda massimu ta' zmien ta' karcerazzjoni li kellu jiskonta xhud li jirrifjuta li jobdi l-ordni tal-Qorti li jixhed, imma wkoll ghall-fatt li fl-imposizzjoni tal-ordni ta' arrest u detenzjonii x-xhud ma jkunx tempestivament avzat li, bhala konsegwenza tal-vjolazzjoni tal-ligi, hu kien inkorra piena karcerarja li kellha tkun specifikata, determinata u lilu komunikata.

(c) L-appellant jissottometti li s-subinciz (2) ta' l-artikolu 522 tal-Kap 9 mhux biss jippermetti l-arrest indeterminat ta' xhud imma wkoll jipprovdi espressament li d-durata ta' taht arrest tkun tiddependi unikament mill-arbitriju soggettiv tal-gudikant billi "il-perjodu ta' detenzjoni ma hux stabbilit minn kriterji oggettivi". Dan, fil-fehma tal-Qorti ma hux ghal kollox korrett. Filwaqt li certament wiehed ma jistax jikkontesta li d-

diskrezzjoni mhollija f'idejn il-gudikant f'dan is-subinciz hi wahda mill-aktar vasta, u lanqas jista' jigi dubitat li l-parametril li fihom il-gudikant kellu jezercita tali diskrezzjoni kienu jistriehu kwazi ghal kollox fuq l-apprezzament personali u soggettiv tal-gudikant, ma jistax jinghad li s-subinciz jissanzjona l-arbitrarjeta da parti tal-gudikant. Lanqas jista' jigi accettat li l-ligi ma kienetx timponi limitu preciz, f'liema cirkostanzi il-gudikant seta' jordna l-arrest u d-detenzjoni ta' xhud reticenti. F'dan il-kontest hi valida s-sottomissjoni ta' l-appellat illi dan is-subinciz ma jissanzjonax l-arbitrarjeta' ghaliex huwa car f'liema cirkostanzi oggettivi hu applikabbli, u cioe', meta xhud ma jkunx irid jahlef jew jixhed. Lanqas jissanzjona l-kapricc, ghaliex l-istess dispozizzjoni tipprovdi li l-arrest ghandu jkun ghal dak iz-zmien mehtieg u sewwa, skond kemm ix-xhud ikun gab ruhu hazin u skond il-gravita' tal-kawza.

Sa hawn din il-Qorti allura tara li d-dispozizzjoni, anke jekk redatta f'termini wiesgha, ma jistax jinghad li twassal ghal dik l-arbitrarjeta' assoluta fl-arrest tal-persuna li tirrendiha ripunjanti kostituzzjonalment. Dan certament sal-mument li fih il-Qorti Kriminali tarbitra li l-komportament negattiv u ostili tax-xhud kien jimponi fuqha, fl-interess tal-gustizzja u tar-ricerka tal-verita', li tordna l-arrest tieghu.

Dan il-Qorti tirritenih, fl-ewwel lok ghaliex id-dispozizzjoni bi precizjoni tidentifika meta tali arrest jista' jigi ordnat, u cioe' li x-xhud "ma jkunx irid

jahlef jew jixhed”. Cirkostanza din li, fil-kaz taht ezami, tirrizulta provata, u anzi ammessa. Inoltre, l-istess dispozizzjoni tistabilixxi wkoll il-kriterji li kellhom jiddeterminaw id-durata tad-detenzjoni. Kriterji mhux marbuta pero’ ma’ perjodu ta’ zmien, imma mal-komportament proprju ta’ l-akkuzat u c-cirkostanzi li fihom hu ikun irrifjuta li jikkoopera fir-ricerka tal-verita’. Kriterji li kienu, infatti, sindakabbli u verifikabbli biex jigi accertat jekk il-Qorti tkunx jew le abbuzat hi stess f’ezercizzju tad-diskrezzjoni lilha moghtija bil-ligi. Hekk, per ezempju, l-arrest u detenzjoni ma setghux idumu minuta aktar minn dak li jkun necessarju u mehtieg. Ukoll, kellu jkun hemm proporzjonalita’ bejn l-ordni ta’ l-arrest u detenzjoni u l-komportament hazin tax-xhud u l-gravita’ tal-kawza. Din ta’ l-ahhar meqjusa ukoll fis-sens tal-pregudizzju li l-komportament negattiv tax-xhud reticenti seta’ jarreka lill-kors tal-gustizzja.

(d) Din il-Qorti ghalhekk ma tirravviza l-ebda inkostituzzjonalita’ fil-provvediment, inkwantu dan jaghti diskrezzjoni lill-Qorti Kriminali li tohrog ordni tax-xorta kontemplat fis-subinciz, u konsegwentement tqis li l-privazzjoni mil-liberta’ personali tax-xhud, maghmul biex jassigura twettieq ta’ l-obbligu mpost fuqu bil-ligi li jixhed, kienet legittima, inkwantu, f’dik l-eventwalita’, l-individwu ikun hu stess bl-agir tieghu ippregudika l-protezzjoni mill-arrest jew detenzjoni arbitratja lilu akkordata bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni.

Ghall-kuntrarju, pero', il-Qorti tqis li dan is-subinciz kif redatt, ma kienx kostituzzjonalment u konvenzjonalment korrett, inkwantu ma jassigurax illi d-diskrezzjoni moghtija lill-Qorti Kriminali,

(1) kellha tkun strettament limitata ghaz-zmien mehtieg "biex jizgura t-twettieq ta' l-obbligu mpost fuq ix-xhud b'ligi", u zgur ma setghax jestendi oltre dak iz-zmien. It-twettieq ta' l-obbligu tax-xhud li jixhed kien ukoll in lineja di massima jipperdua sal-mument li kien in corso l-process li fih ix-xhud reticenti kellu jiddeponi. Konkjuz dak il-process, l-obbligu tax-xhud li jixhed fih kjarament jigi ezawrit u certament ma setghax jinghad li x-xhieda tieghu tibqa' mehtiega. F'dan il-kontest allura, it-termini fis-subinciz (2) "sakemm ikun mehtieg jew sakemm il-Qorti jidhrilha sewwa", bla ebda limitazzjoni jew kwalifika, kienu almenu tejoretikament jipprospettaw sitwazzjoni fejn l-arrest u detensjoni jestendu oltre t-tmiem tal-process li fih ix-xhud kellu jixhed. Dan hu u jkun in kontrast mas-subinciz 1 (d) ta' l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u tas-subinciz 1 (b) ta' l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

(2) Din il-konsiderazzjoni hija ukoll imsahha u moghtija sostanza mill-fatt illi d-disposizzjoni that ezami ma tipprospettax il-possibilita' ta' revizjoni ta' l-ordni ta' l-arrest u detenzjoni, kemm meta tigi originarjament maghmula kif ukoll fil-kors taz-zmien tad-detenzjoni. Il-ligi kriminali ma jidhirx li tipprovdi ghal tali revizjoni li, kostituzzjonalment u konvenzjonalment, kellha tkun wahda awtomatika u miftuha f'kull

zmien lill-persuna arrestata. Dan multo magis meta wiehed iqis li ma jirrizultax li l-ordni tal-Qorti ta' arrest u detenzjoni ammess taht dan is-subinciz hu soggett ghal xi forma ta' appell.

L-artikolu 5 (4) tal-Konvenzjoni

Dan igib lill-Qorti ghal aggravju iehor ta' l-appellant, li hu fis-sens li r-rikors promotur kien bazat b'mod determinanti fuq il-ksur ta' l-artikolu 5 (4) tal-Konvenzjoni. L-appellant jissottometti li din il-lanjanza giet injorata ghal kollox mis-sentenza appellata "u dan in-nuqqas ta' konsiderazzjoni ta' punt fondamentali fl-azzjoni tar-rikorrent, kif ukoll in-nuqqas ta' sentenza fuq dan il-punt bazilari, jirrendi lis-sentenza irrita u nulla". Din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-ahhar sottomissjoni, mhux biss ghar-raguni dedotta mill-appellat fir-risposta tieghu ghar-rikors ta' l-appell fis-sens illi l-artikolu 235 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi li ma jinghatax appell ab ommissa decisione, imma wkoll, u aktar, ghaliex din il-Qorti hi tal-fehma illi, fl-ezercizzju tal-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, hi kellha tiskarta, sa fejn kien possibbli, l-ostakoli procedurali u tmur ghall-qalba tal-mertu ta' l-allegata lezjoni tal-jedd fondamentali. Kellha tinvesti dak il-mertu, u, tempestivament, tipprovdi ghal rimedju xieraq u adegwat fejn tali lezjoni tirrizulta provata li giet kommessa mil-legittimu kontradittur imsejjah biex jirrispondi ghaliha. Skartat l-aggravju tan-nullita' tas-sentenza appellata, din il-Qorti waslet ghall-konvinzjoni illi kien fondat l-ilment ta' l-appellant

illi s-subinciz that ezami kien jippekka minn nuqqas ta' konformita' mal-Konvenzjoni, inkwantu ma kienx jissodisfa s-subinciz 4 ta' l-artikolu 5 taghha.

Dan jipprovdi hekk: "Everyone who is deprived of his liberty by arrest or detention shall be entitled to take proceedings by which the lawfulness of his detention, shall be decided speedily by a Court, and his release ordered if the detention is not lawful". Qari akkurat ta' l-artikolu 5 kollu kemm hu, juri b'mod l-aktar car illi dan is-subinciz japplika ghall-kazijiet kollha fejn kien permess li l-individwu jigi privat mil-liberta' personali tieghu elenkati b'mod ezawrjenti fl-inciz 1 ta' dak l-artikolu. Dan allura anke fejn l-arrest u detenzjoni tkun giet ordnata mill-Qorti taht is-subinciz (b) "for non compliance with the lawful order of a Court or in order to secure the fulfilment of any obligation prescribed by law". Anke f'dan il-kaz – kif hu l-kaz taht ezami - il-Konvenzjoni riedet li jigi assigurat lill-individwu, li tieghu il-Qorti tordna l-arrest u detenzjoni, il-jedd li jkollu miftuha ghalih proceduri li fihom tkun tista' tigi stabbilita u malajr il-legalita' tad-detenzjoni tieghu. Hu immedjatament ovvju li tali rimedju ma setghax jigi persegwit quddiem l-istess Qorti li tkun ordnat l-arrest u d-detenzjoni tax-xhud. Nemo iudex in causa propria. "A State must provide recourse to the Courts in all cases whether the detention is justified by article 5 (1) or not (kif jidher li hu fil-kaz taht ezami). Accordingly an article 5 (4) claim must be considered even though the

detention has been found to be lawful under the Convention (De Wilde Ooms and Versup vs. Belgium; A para. 73 (1971). (In this case the Court held that article 5 (4) was infringed even though article 5 (1) was not) (Law of the European Convention of Human Rights, Harris O'Boyle Warbrick, p. 145 et seq).

Ghal dan l-aggravju l-appellat jirrispondi principalment illi fl-ordinament guridiku malti jezisti rimedju analogu ghal dak ingliz, tal-Habeas Corpus u li hu bazat fuq l-artikolu 137 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artiklu, fil-fehma ta' l-appellat, jaghti rimedju ta' malajr lil kull min jilmenta minn arrest jew detenzjoni llegali. Il-Qorti tal-Magistrati li tiehu konjizzjoni ta' kwalunkwe lment ta' arrest jew detenzjoni llegali bazat fuq l-artikolu 137 imsemmi, ghandha r-rekwiziti kollha ta' "Qorti ndipendenti ta' revizjoni ta' decizjoni". Din is-sottomissjoni, sa certu punt kondiviza anke minn din il-Qorti b'sentenza taghha tas-7 ta' Jannar, 1998, fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Sant vs. Avukat Generali, trid pero' titqies fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz "T.W. vs. Malta", (Application nru. 25644/94) deciza fid-29 ta' April, 1999. "The review must be automatic (see para. 43 above). Furthermore, even in the context of an application by an individual under section 137 (tal-Kodici Kriminali), and having regard to section 353, the scope of the review has not been established to be such as to allow a review of the merits of the detention. Apart from the cases

where the time limit of 48 hours was exceeded, the Government has not referred to any instances in which section 137 of the Criminal Code has been successfully invoked to challenge either the lawfulness of, or the justification for, an arrest on suspicion of a criminal offence…………….."

Dan apparti, hi valida s-sottomissjoni ta' l-appellant li l-artikolu 137 tal-Kap 9 jaghti rimedju f'kaz ta' detenzjoni llegali. F'kaz allura bhal dak taht ezami, fejn il-premessa hi li d-detenzjoni hi wahda legali ghax saret skond il-ligi, dan l-artikolu ma setghax jigi nvokat bhala rimedju kontra arrest illegali. "Sakemm ma tigix stabbilita l-illegittimita kostituzzjonali ta' l-artikolu 522 (2) – proprju l-mertu dibattut f'dan l-appell – kull decizjoni ghar-reticjenza hija legali u ma tista' qatt tigbed il-protezzjoni tal-Habeas Corpus (article 137)". Anke taht dan l-aspett allura s-subinciz 2 ta' l-artikolu 522 tal-Kodici Kriminali kien jirrizulta kostituzzjonalment monk.

Finalment, anke kieku tigi ghal grazzja tal-argument biss accettata bhala valida din is-sottomissjoni tal-appellati, din il-Qorti certament ma tistax tqis dan ir-rimedju taht l-artikolu 137 tal-Kap 9 bhala wiehed idoneju ghac-cirkostanzi. Dan ghax ikun jipprospetta sitwazzjoni fejn Qorti tal-Magistrati tissindika d-deskrizzjoni ezercitata mill-Qorti Kriminali u dan ukoll fil-kors tal-process li fih xhud reticenti ikun gie minnha ordnat li

jixhed. Sitwazzjoni din li setghet potenzjalment twassal ghall-intralc fir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja u ghall-manipulazzjoni tal-iter processwali minn min ma jkunx ben intenzjonat.

Jinghad f'dan il-kuntest li ma hux il-kompitu ta' din il-Qorti li tindika x'kellhom ikunu l-provvidementi legislattivi li kellhom jigu addottati biex jassiguraw li d-disposizzjoni tal-Kodici Kriminali taht ezami tigi kostituzzjonalment u konvenzjonalment konformata u alinejata. Skond l-ordinament guridiku nostran dan l-oneru u l-poter jirrisjedi f'kompetenzi ohra. Kien biss jinkombi fuq fl-opinjoni ta' din il-Qorti d-dover li tindika li kwalunkwe rimedju prospettat kellu jkun immirat biex jassigura illi, filwaqt li jigu skruplozament imharsa il-jedd fondamentali sancit bid-dispozizzjonijiet protettivi tad-dritt fondamentali kontra l-arrest u detenzjoni arbitrarja taht ezami anke lix-xhud reticenti, kif ukoll il-jedd ta' dan l-individwu li jaccedi ghal organi gjudizzjarji biex tempestivament jirrivendika dak il-dritt, dan ma jsirx a skapitu tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja jew b'mod li tigi imminata l-awtorita' u l-awtorevolezza tal-Qrati fil-kondotta tal-proceduri kriminali. Ix-xhud reticenti kellu jibqa sogget ghad-dixxiplina tal-Qorti li quddimeha jkun imsejjah biex jiddeponi. Li sfida kontinwata ghal awtorita' taghha kellha eventwalment tissarraf f'akkuza ta' reat punibbili b'piena definita u determinata, li, kontra taghha, x-xhud akkuzat kellu jkollu kull opportunita' li jiddefendi ruhu bi "due process". Hu biss f'dawn il-parametri precizi li l-esigenzi

tal-Kostituzzjoni u tal-Konvinzjoni jigu korrettement u pjenament sodisfatti.

## KONKLUZJONI

Minn dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi :-

(a) l-ordni tal-Qorti Kriminali li l-appellant jigi arrestat u detenut biex tigi assigurata l-ezekuzzjoni ta' l-obbligu legali tieghu bhala xhud li jiddeponi, kif ukoll biex jigi assigurat it-twettieq ta' ordni legittimu tal-Qorti biex hekk jaghmel, kien wiehed legalment u kostituzzjonalment korrett.

(b) l-ordni moghti fit-termini tas-subinciz 2 ta' l-artikolu 522 tal-Kap 9 kien pero' leziv tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrent appellant inkwantu dik id-disposizzjoni ma kienetx tipprovdi li tali detenzjoni ma setghetx teccedi z-zmien li fih tkun qed tinstema l-kawza li fiha hu jkun gie msejjah biex jixhed. Kif ukoll ma kienetx tipprovdi ghall-mezz ta' verifika awtomatika kif rikjest bis-subinciz 4 ta' l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni appena trattat.

(c) Mill-atti jirrizulta provat illi l-appellant gie mehlus mid-detenzjoni mill-Qorti tal-Magistrati fil-kors tal-process li fih hu kien gie ngunt biex jixhed, appena l-prosekutur ghamel il-verbal aktar 'il fuq riferit. Mill-atti jirrizulta li r-rikorrent kien naqas li jaghti x-xhieda tieghu fi process kriminali fejn l-akkuzi kienu mill-aktar gravi. Mill-atti quddiem din il-Qorti ma tirrizulta l-ebda prova li tista' tindika illi l-Qorti Kriminali malament ezercitat id-diskrezzjoni taghha taht is-subinciz 2 ta' l-artikolu 522 tal-Kap 9. Il-Qorti hi pero' sodisfatta illi r-rikorrent appellant ma kellux ir-rimedji disponibbli bil-ligi biex jikkontesta u jivverifika l-ordni ta' l-arrest u detenzjoni li ghaliha kien gie assoggettat. Dan kemm fil-mument li nghatat dik l-ordni kif ukoll fiz-zmien kollu sakemm gie effettivament mehlus. Hu f'dan l-aspett tekniku u procedurali biss li din il-Qorti ssib li l-jedd fondamentali ta' l-appellant kien gie vjolat.

(d) Din il-Qorti, inoltre, ma hiex mill-atti sodisfatta li l-appellant sofra danni bhala konsegwenza ta' l-ordni legittimu tal-Qorti meta din ezercitat validament id-diskrezzjoni taghha taht is-subinciz taht ezami. Dan ghaliex ma tistax serenament tasal ghall-konkluzzjoni li fic-cirkostanzi, fin-nuqqas ta' prova kontrarja, iz-zmien ta' detenzjoni li ghalih kien gie assoggettat kien wiehed eccessiv u sproporzjonat ma' l-iskop tal-Qorti Kriminali li sewwa tikkonduci r-ricerka tal-verita'. Hu minnu li s-subinciz (5) ta' l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni jipprovdi illi "everyone who has been

the victim of arrest or detention in contravention of the provisions of this article shall have an enforcable right to compensation".

Gie pero' ritenut mill-Qorti Ewropea illi "the mere fact of violation of one or more of the first four paragraphs of article 5 does not in itself constitute a sufficient ground for an award of compensation. The injury must be proved". Judgment of 10th March, 1972 – Vagrancy Cases A. 14 (1972).

Konsidrat ghalhekk illi l-arrest u d-detenzjoni ma jistax jinghad li kienu fl-ewwel lok in kontravenzjoni tal-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. Konsidrat ukoll il-fatt li ma tirrizultax il-prova tal-pregudizzju konsegwenzjali ghal-lezjoni tal-jedd fondamentali riskontrata bhala rizultat tad-dikjarazzjoni ta' din il-Qorti ta' l-inkompatibilita' parzjali tas-subinciz (2) ta' l-artikolu 522 tal-Kodici Kriminali mal-Konvenzjoni u mal-Kostituzzjoni fuq identifikata, ma hux il-kaz li din il-Qorti tillikwida kumpens ghall-appellant.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, u fid-dawl tal-konkluzjoni raggunta, din il-Qorti tilqa' l-appell tar-rikorrenti proprio et nomine u tirrevoka s-sentenza appellata. Tiddisponi mill-appell fid-dawl ta' din il-konkluzjoni appena espressa, li kellha titqies bhala parti mid-decide billi :-

(a) Tichad it-talba in kwantu titlob dikjarazzjoni li s-sub-inciz 2 ta' artikolu 522 tal-Kodici Kriminali kien null u bla effett, in kwantu tqis illi l-poter procedurali moghti lill-Qorti Kriminali, b'dak l-artikolu kien wiehed validu u legittimu.

(b) Tiddikjara li l-istess sub-inciz kien pero' jivvjola is-sub-inciz 1 (d) tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u s-sub-inciz 1 (b) tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem in kwantu ma jispecifikax il-limitu li l-arrest ordnat ma kellhux f'kull kaz jestendi oltre zmien li kien strettament necessarju biex jigi assigurat li x-xhud jobdi l-ordni legittimu tal-Qorti u biex jigi assigurat li jaddempixxi l-obbligi fuqu mposti bil-ligi u in kwantu l-istess sub-inciz ma jipprovdix ghall-proceduri ta' verifika u kontroll tal-legalita' ta' detenzjoni u dan minn Qorti ndipendenti u mparzjali

(c) Konsegwentement, limitatament ghal dan, il-Qorti qed tilqa' t-talba tar-rikorrent.

(d) Tichad invece t-talba tar-rikorrent in kwantu talab dikjarazzjoni illi l-ordni tal-arrest u tad-detenzjoni tieghu mill-Qorti Kriminali kienet wahda arbitrarja u abbusiva. Tiddikjara invece li hekk ma kienitx. Tilqa' t-talba tal-istess rikorrent appellant, limitatament ghad-dikjarazzjoni illi l-jeddijiet fondamentali tieghu kienu gew lezi in kwantu ma kellux ghad-

dispozizzjoni tieghu procedura ta' verifika u kontroll tal-legalita' tad-detenzjoni li ghaliha hu kien gie assogjettat u dana minn Qorti ndipendenti u mparzjali, kif provdut is-sub-inciz 1 (d) tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bis-sub-inciz 1 (b) tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

(e) Tiddikjara illi fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz u ghar-ragunijiet fuq konsiderati din id-dikjarazzjoni kellha tkun adegwata bhala rimedju xieraq u "just satisfaction", u li ma kienx hemm lok ghal-likwidazzjoni ta' kumpens finanzjarju in linja tad-danni.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-intimat.

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 242 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili tordna li kopja ufficjali ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Onorevoli Speaker tal-Kamra tar-Rapprezentanti biex jgharaf jirregola ruhu skond kif hemm dispost f'dak l-artikolu.

Dep/Reg

mg